MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta tad-9 ta' Novembru, 2009

Rikors Numru. 477/2009

**Carmelo u Angela konjuġi Bartolo**

**-vs-**

**Christopher u Diane konjuġi Zarb**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors ippreżentat fit-18 ta’ Mejju 2009 li permezz tiegħu l-atturi ppremettew:

Illi in eżekuzzjoni ta’ dan il-mandat ta’ qbid l-uffiċjali eżekuttivi ta’ din l-Onorabbli Qorti qabdu mill-poter tad-debituri mill-fond bl-indirizz “24, Garaxx” Triq il-Mastrudaxxa gia’ Triq in-Naġġar, Mosta, Malta, fost affarijiet oħra, is-segwenti makkinarju: (a) *Panel Saw* tal-marka Paoloni S300 (Item Nru XI fir-riferta ta’ l-uffiċjal eżekuttiv); (b) *Hoover* Industrijali tal-marka Multi Alfa (Item Nru. XIII), (c) *To peal master wood* T112CL (Item Nru.

XV); (d) *Master wood* ta’ bla marka (Item Nru. XVIII); u (e) Magna tal-katina Star 400 tal-marka Pericolo (Item Nru. XXI);

Illi in effetti pero’ dan il-makkinarju mhux proprjeta’ tad-debituri intimati. Dan għaliex il-makkinarju kien ġie kkonsenjat lill-intimati mis-soċjeta’ esponenti bis-sistema tal-*hire purchase*. Fil-fatt fil-ftehim datat sebgħa u għoxrin (27) ta’ Settembru 2005, kopja tiegħu anness u mmarkat bħala Dokument A kien ġie speċifikat li *“l-makkinarju kollu jibqa’ proprjeta’ tal-venditur sad-data li fiha jsir l-aħħar pagament bl-imgħax relattiv u l-kompratur jobbligu ruħu li bl-ebda mod ma jbiegħ jew jittrasferixxi l-makkinarju f’dan il-perijodu sakemm isir il-ħlas kollu.”* L-*items* maqbuda bis-saħħa ta’ dan il-mandat ta’ qbid u ndikati iktar ’il fuq f’dan ir-rikors huma l-*items* imsemmija fil-paragrafi (b), (c), (d), (e) u (f) fil-ftehim tas-27 ta’ Settembru 2005. Id-debituri baqgħu ma ħallsux il-parti l-kbira tal-prezz għal dan l-akkwist, u fil-fatt fit-tnax (12) ta’ Ġunju 2008 kien sar kuntratt ta’ kostituzzjoni ta’ debitu in atti tan-Nutar Paul George Pisani bejn is-soċjeta’ esponenti u l-istess debitur Christopher Zarb. F’dan il-kuntratt kien għal dabra oħra reġa’ ġie dikjarat li l-magni kienu kkonsenjati lil Zarb fuq bażi ta’ *hire purchase* u li l-istess makkinarju *“għadu u sejjer jibqa’ proprjeta’ tas-soċjeta’ kreditriċi [is-soċjeta’ esponenti] sakemm jitħallas il-bilanċ tal-prezz fuq l-istess makkinarju u l-interessi li talvolta jistgħu jsir dovuti”*. Kopja tal-kuntratt qiegħed jiġi anness ma’ dan ir-rikors u mmarkat bħala Dokument B;

Illi l-intimati għadhom ma ħallsux lis-soċjeta’ esponenti l-bilanċ li għadu dovut fuq il-makkinarju maqbud. Difatti għadu dovut, *oltre* interessi wara l-ewwel (1) ta’ Mejju 2009 u spejjeż legali, bilanx ta’ sittax-il elf seba’ mija u sitt Ewro u ħamsin Ewro ċentezmi (€16,706.50);

Illi in vista tal-fatt li dan il-makkinarju għadu proprjeta’ tas-soċjeta’ esponenti, dan il-makkinarju ma setax jinqabad mill-uffiċjali eżekuttivi tal-Qorti sabiex jagħmel tajjeb għad-dejn li jista’ jkollhom l-intimati konjuġi Zarb ma’ terzi persuni. Konsegwentement huwa umilment sottomess li

dan il-makkinarju m' għandux jibqa' milqut mill-effetti tal-mandat odjern;

Għaldaqstant is-soċjeta' esponenti titlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti sabiex jogħġobha tiddikjara li s-segwenti makkinarju, u ċioe' (a) *Panel Saw* tal-marka Paoloni S300 (Item Nru XI fir-riferta ta' l-uffiċjal eżekuttiv); (b) *Hoover* Industrijali tal-marka Multi Alfa (Item Nru. XIII), (c) *To peal master wood* T112CL (Item Nru. XV); (d) *Master wood* ta' bla marka (Item Nru. XVIII); u (e) Magna tal-katina Star 400 tal-marka Pericolo (Item Nru. XXI) ma seta' qatt jinqabad mill-uffiċjali eżekuttivi tagħha *stante* li mhux proprjeta' tad-debituri konjuġi Zarb, u tordna li dan l-istess makkinarju ma jibqax aktar milqut mill-effetti ta' dan il-mandat ta' qbid.

Rat illi l-konjuġi Bartolo u Zarb għalkemm notifikati naqsu illi jippreżentaw risposta;

Rat il-verbal tas-seduta tal-5 ta' Ottubru 2009 li permezz tagħha l-Qorti ddiferiet il-kawża għas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Illi l-rikorrenti qed jitolbu dikjarazzjoni mill-Qorti fis-sens illi l-oġġetti msemmija minnhom fir-rikors huma proprjeta' tagħhom u għandhom jiġu liberati mill-effetti tal-mandat ta' qbid imsemmi.

L-intimati Bartolo illi huma l-kredituri, rrimettew ruħhom fil-waqt li l-konjuġi Zarb illi huma d-debituri fl-atti tal-mandat ma ppreżentawx risposta. Il-kontenut tar-rikors ġie konfermat bil-ġurament mill-Perit Agius li huwa direttur tas-soċjeta' rikorrenti u sostnut permezz ta' dokumenti. M'hemmx dubju għalhekk li t-talbiet stess għandhom jiġu milqugħa. Naturalment il-kreditur m'għandux ibati spejjeż.

**Għal dawn il-motivi l-Qorti tilqa' t-talbiet kollha tar-rikorrenti u tillibera l-oġġetti msemmija fir-rikors mill-effetti tal-mandat imsemmi; l-ispejjeż a kariku tal-intimati konjuġi Zarb.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------